**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 ta' April, 2017

Talba Numru: 21/2017 AM3

Numru fuq il-Lista: 37

**360 Food Imports Limited (C46590)**
**Mdina Road**
**Zebbug Malta**

**vs**

**Gilbert Dimech (KI 19379M)**
**35 Sacred Heart Street,**
**Santa Venera**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta' Jannar, 2017 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' erba' mija u erbghin ewro u sebghin centezmu (€444.70c) ammont ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-Socjeta' attrici lil konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut gie notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk s-Socjeta' għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas is-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u erbghin ewro u sebghin centezmu (€444.70c) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**